# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is Sur Anġ Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, is-17 TA ĠUNJU, 1913. NRU. 69.


*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## XIRCA ghat-tkankil tal Passiġġieri.

Malta, chiecu chellna Gvern li jaħseb tas-seŭ fiha, bħalma jaħsbu il *Municipji* tal Gvernijet ta ma dŭarna (fejn il flus li jinġabru bit-taxxi minn bŭiet il Poplu ghandhom isetgha fukhom il Cunsiljeri tal Poplu u ħadd actar ħliefhom), Malta chienet tcun gibda cbira ghall Passiġġieri, li, ħaġa ŭisk mexxejja, fejn imorru jaghmlu iż-żjajjar taħħom, iridu isibu il cumditajjet li huma imdorrijin isibu band'oħra. U, biex nghidu is-seŭŭa, bħalma hu dmir tal *Habib*, li ma ghandux partiti, mindu laħak Câp tax-Xoghlijet tal Pajjiż l'Onurabbli Venzu Gatt, C.M.G., P.A.A. (ghad li bit-tkanżiħ u bit-traħħim tieghu, ghax, fejn m'hux ghall cumdità tas-Suldati, il Gvern Ingliż taghna ftit jimpurtaħ minn'na) tisŭijet u żîna fit-torok u fil ġraden saru ħafna. Imma x'in hu dan il ftit li sar mattrufijet, fejn dac li jista isir ghall gid u ghall ġmiel ta Malta?...

Illum, is-sŭar ma jisŭeŭx iżjed ħlief biex jibkghu tifchira tad-dehen u tal ghâna tal Cavalieri! Bil Fortizzi li żara l'Ingliż mad-daŭra ta Malta, biex ħadd ma imissielhu, illum is-sŭar tal Cavalieri sfaŭ ħaġa żejjda: tifchira biss, bħalma ghedna: jeŭ, aħjar, ċanfira ta chemm sâr ghall Poplu fi żmienhom u ta chemm ma sârx mindu tŭarrbu huma! Chiecu l'Onurabbli Gatt, li jaf u irid jaħdem ghal Pajjiżu, chellu il ħabel collu f'idejħ, chiecu s'issa is-sŭar tal Belt li jatu ghal fuk il Furjana iġġarrfu, il foss ta taħthom irtadam, il Belt u il Furjana sâru ħaġa ŭaħda u f'daŭc il ŭesghat collha saret Pjazza mdaŭŭra b'Lucanda cbira jeŭ tnejn u b'ħafna Palazzi ghall Krati, ghal li Schejjel, ghal li Sptarijet, ghall'Ufficini li jinsabu mxerrdin barra mil Palazz, ghall'Uffizzji (bil chiri) tal Avucati, tan-Nutari, tal Agenziji, tal Cummerċ; fil ŭakt li il bkija tal ŭisa (u ma chienx jibka ftit), imkassam f'torok suret in-nies u imżejjen b'siġar u b'ghajjun, chif in huma il bliet il ġodda tal Eŭropa, chiecu inbieħ jeŭ ingha ta cens u irodd lill Gvern renta cbira, li mhux biss giebitlu dac li nefak, imma tatu biex ħaffef ħafna ittaxxi! La tistaghġbux! X'in hu dan fejn ix-xoghlijet li saru Napli u Ruma, biex ma mmorrux fil bghid, minn ftit tas-snin il-haŭn?... Flus kieghdin haŭn bosta: u tkankila cbira bħal din ghandha bżonn il Gżira, biex ma tibkax tnin, sena aghar mill'oħra! Taħsbu li, chiecu il Gvern taghna chien Municipju(*), dan ghadu ma sârx?... Taħsbu li, chiecu l'Onurabbli Gatt chellu mil bidu rajħ f'idejħ, ghâdna nixxennku Lucanda cbira ghall Passiġġieri, u Sptar chif jitolbu it-Tobba ta 'llum, u Palazz li jasa tas-seŭ il Krati collha ta Malta, u Liceo ghat-tfal collha tal Poplu li jixtieku jitghallmu li scola, u tant ħŭejjeġ oħra meħtieġa?.....

Dari, tletin sena ilu, chienu ighidu li bil Militar ma tista taghmel xejn! Imm'issa il Militar kieghed iħallina nordmu il fossijet u iniżżlu is-sŭar, ghax hu jaf actar minn'na li ħadd ma jissogra jersak biex jieħu il Malta b'saħħa u jecc jersak mhux minn fuk is-sŭar ta Putirjal bi ħsiebu isellimlu!...

Hemm bżonn biss li il Gvern icun irid jaħseb tas-seŭ ghall Poplu: ghax, fl'aħħar mill'aħħar, il Câp tal Gvern u tal Militar hu ŭieħed: u, bil ghakal u il ħrara, il ftehim jista isir! Mhux ghal cull-ħadd aħjar li Malta issir genna, bħalma tista issir?.... U mhux f'112, imma f'10 jeŭ 15 il sena, tista issir genna!....

Dan li ghedna s'issa ħargilna mil pinna bħal ilma minn żennuna ta ghajn miftuħa ghal gharrieda, ghax Alla jaf chemm hi cbira ix-xeŭka ta kalbna li naraŭ merfuħ il Poplu mil hemm tieghu collu!

Imm'aħna ma chellniex ħsieb nitħadtu ħlief fuk ix-*Xirca ghat-tkankil tal Passiġġieri*, li kieghda titŭakkaf bejn ħafna Sinjuri; u il lejla, fil ħamsa, ghandha issir l'eŭŭel lakgha taħħa, fil Culleġġ Flores, fejn jista imur cull min irid, ghax il bŭieb, chif ighidu il gażetti li ħabbruha, icunu miftuħin ghal cull-ħadd. Aħna ghandna f'rasna li din ix-*Xirca* hi ŭieħed mil frottijet tal Cungress Eŭcaristicu, ŭieħed mid-dŭal li xerrdet fukna il Barca ta Gesù Cristu fil-lejla tas-27 t'April, hemm f'dic il ŭisgha bla kies ta bejn il Belt u il Furjana, f'dac il mument imkaddes li katt ma jintesa! Ghax Alla ħanin, mal gid tal erŭieħ, jaf ucoll ikankal, bil Barca tieghu, il gid u il ghâna tal Poplu li gharaf jati xhieda ta kima Lejħ hecc cbira!

Il Cungress Eŭcaristicu chien dac li gharraf lid-dinja x'aħna u min aħna! Il fôlja, f'ħajjet Alla, inkalbet ghalina: u illum il gażetti ta cull pajjiż, li chienu tant jaħkruna bi cliemhom u saħansitra ighadduna b'gharab, m'humiex ħlief ifaħħruna. Malta sabiħa! Malta hemm x'târa! L'indafa, u issaħħa, u il ġmiel ta Malta, ħŭejjeġ tal ghageb! Il Poplu, mbaghd, ħelu, tŭajjeb, minn taghna, jaf igib-ruħu u idur bil Passiġġier! Il Maltin onesti, beżlin u educati ghall'aħħar! Fil ġranet collha tal Cungress, b'daŭc il ktajja ta nies jiġġereŭ mal bliet u mar-rħula, bi nhar u bil lejl, ma nsterketx labra, ma ntkaletx chelma ħażina f'ŭiċċ il barranin, ma saretx l'iċċhen ghagha fukhom! Dan kieghdin ighidu ghalina cull-imchien.

Mela, ŭaktha tas-seŭ din ix-*Xirca ghat-tkankil tal Passiġġieri*! U, jecc, bħalma nittamaŭ, ma takax fl'inglizati, imma tcun *Xirca* bil ghakal u bid-dehen, bħalma hemm l'Italja u bosta bnadijet oħra, tista tghajjat haŭn il Passiġġieri, li illum bdeŭ ja-

(*) Il gimgha id-dieħla, jecc Alla irid, nitchellmu fuk il *Municipji*.

funa u ma icunux jibżghu iżjed mixxiber baħar li jifridna minn Skallija! U dan icun gid bla tarf ghalina! Ghax, ghalavolja chif aħna, ghalavolja minghajr dac it-tiġdid collu li jista isir fil Gżira, ghandna x'nuru u ghandna biex niftaħru!

U ghal-hecc, miċ-ċocon tieghu, il *Ħabib* bi ħsiebu ighin chemm jista din ix-Xirca li kieghda titŭakkaf! U fraħna mita ŭieħed milli ndaħlu ghaliha sgurâna li l'eŭŭel isem taħħa bl'Ingliż sejjer icun maklub bit-Taljan *Società per il movimento dei passeggieri*, chif aħna, ghal daŭc li ma jafux ħlief bil Malti, ghammidna dan l'articlu.

## IN-NATURA XEJN MA TAGĦMEL MINGĦAJR L-GĦAJNUNA T-ALLA.

L-Ateisti avvelenati mit-tagħlim misħut ta' Plino imorru joħorġu bħal ma hu s-soltu tagħhom b-din il-ħmerija cbira "illi ma hemmx Alla jeħor ħlief in-natura, u għalhecc mita dina ttemm l-effetti tugħha, daŭna it-temmhom mingħajr l-għajnuna ta' ħadd." Imma dan jeŭŭilla hu veru? Biex inŭiegħbu għal din il-mistoksija, jaħtieġ naraŭ x-jifhmu l-Ateisti bl-isem ta' natura.

In-natura mil Għorrief tigi msejħa natura *naturata* u natura *naturante*. In-natura *naturata* hija dac it-timjil (l-inclinazioni) li jġagħal cull ħaġa biex takla' dac il fini li għalih giet maħluka. In-natura *naturante* hija li stess Aŭtur li tà dan it-timjil lil cull ħaġa, hecc, ngħidu aħna, s-siġra tal-larinġ għandha t-timjil li tagħmel larinġ; issa dan it-timjil li għandha din is-siġra li tagħmel il larinġ, jissejjaħ natura *naturata*; u min taha dan it-timjil (ghax xi ħadd ried icun) jissejjaħ natura *naturante*. Mela, sabiex nistgħu ngħidu illi l-Ateisti jisbaljaŭ mita jmorru igħidu illi għajr in-natura ma hemmx Alla, jaħtigilna ngħarblu jecc huma bl isem ta' natura jifhmux in-natura *naturata* jeŭ n-natura *naturante*.

Jecc huma bl-isem ta' natura jifhmu n-natura *naturata*, nistgħu ngħidu bir-ragiun collu illi huma jisbaljaŭ u jisbaljaŭ bl-icraħ, għaliex jecc nieħdu f-idejna l-ŭarda maltija dlonc dina tnebbaħna illi n-natura *naturata* xejn ma ttemm mingħajr l-għajnuna t-Alla. Biex naraŭ chemm hua hecc, immorru nistaksu lill Ateisti: Min chien katt dac li għaraf jati lil din il ŭarda dac il-leŭn scarlatt u jnakkas ucoll dan il-leŭn iżjed ma l-ŭerak tagħha jcunu l-geŭŭa? Min xeħtilha dic il fŭiħa ta' l-acbar ħleŭŭa li hi tarmi minn cull genb? Min chellu l-ħila li fil ŭerak tagħha jkiegħed daŭc il vini ċchejcnin u delicati. illi minnhom igħaddi l-għajxien tagħha? Min chien katt li għaraf ikiegħed dan il ŭerak f-lôcu, jilŭiħ b-tant ħleŭŭa u ġmiel, idakkas hecc seŭŭa, jdaŭŭar b-sengħa li ma bħalha? Min chisa il ŭerak b-pil l-iżjed ċchejchen u irkik? Min chien li chellu hecc ħila ta' l-għageb li jtemm dan collu fil ŭarda? Għal dan l-Ateisti, forsi, jŭiegħbu illi l-art, il friegħi, x-xeŭc, l-għeruk, in-nida, x-xemx u ħŭejjeġ oħra huma daŭc li jtemmu dan l-għageb collu fil ŭard, mingħajr l-għajnuna ta' ħadd. Imma biex inġarrfu din it-tŭigiba ħażina tagħhom, hu biż-żejjed li ngħidu illi l-art li fiha tghix u ticber is-siġra tal ŭard, ix-xeŭc u l-friegħi li minnhom tinbet ŭarda hecc sabiħa, n-nida li hua l-għajxien tagħha, x-xemx li fil għodu tiftaħ il blanzun li fuku tlellex, billi huma għomja u ma jithmux fil-leŭn, fil ġmiel, fid-daks, fil fŭiħa u fi ħŭejjeġ oħra, ma jistgħux ŭeħidhom jatu lil ŭarda dan collu; u għaldakstant jaħtieġ bil fors illi jcun hemm xi ħadd illi jġagħal lil l-art, lill friegħi u lill ħŭejjeġ l-oħra sabiex itemmu dan il ġmiel collu fil ŭarda, u *ix-xi ħadd* ma jistax icun ħadd ieħor ħlief il *Causa Prima* (Alla) li hi ta għerf li ma bħalu u li taf tinkeda bl-art, bis-sħana u bil ħŭejjeġ l-oħra, sabiex tagħmel ŭarda hecc sabiħa. Mela, ma jistax icun illi n-natura *naturata*, mingħajr għajnuna ta ħadd, tagħmel din il ŭarda, u għalhecc minn din it-turija tagħha aħna niġbdu bħala conseguenza illi n-natura *naturata* xejn ma ttemm mingħajr l-għajnuna t-Alla.

Jecc l-Ateisti bl-isem ta' natura jifhmu n-natura *naturante*, ma għandniex għal fejn tant inħanbku magħhom, għaliex b-hecc seŭŭa-seŭ jgibu ruħhom bħal daŭc li biex ma jroddux lix-xemx dac il gieħ li jistħokkilha, ma jsejħulhiex bl-isem ta' xemx, iżda bl-isem ta *Sultana tal pianeti*: hecc ucoll l-Ateisti, jecc bl-isem ta' natura jifhmu n-natura *naturante*, jbiddlu l-isem t-Alla fl-isem ta' natura, imma b-hecc ma jġarrfuħx minn fuk it-tron tiegħu, u haŭn għâd li ma jakblux magħna fl-isem, iżda jakblu fis-sustanza.

Minn dan collu, aħna nieħdu bħala tagħlim seŭŭa mhux biss li n-natura *naturata* ma tista' tagħmel xejn mingħajr l-għajnuna t-Alla u li n-natura *naturante* ma hix ħlief li stess Alla, iżda ucoll li bit-tagħŭiġ ŭieħed iżjed ibati biex idaħħal f-moħħu (jecc jista' idaħħal) li ma hemmx Alla, milli li hemm Alla.

Mil eŭŭel articlu li ctibna fuk il cheŭn (l-esistenza) t-Alla sa dan l-articlu, aħna morna noħduha ma daŭc li ma jemmnux f-Alla; issa jaħtieġ li mmorru nitchellmu ma' daŭc li jemmnu fiħ, billi nuru l-eŭŭel nett li s-smeŭŭiet iroddu l-acbar tifħir lill Ħalliek minn tagħhom.

E. F.

## X'ighidu ghalina fuk il Cungress.

II.

Il Maltin, nies ta imgiba tajjba ħadd dakshom, chienu jisimghu chemm ghajdût fieraħ ntkal barra minn Malta fuk pajjiżhom, u f'li stess ŭakt chienu jaghlu u isofru: jaghlu u isofru, u jaghmlu dmirhom mill'aħjar biex chiecu isicctu dac il ħafna tlablib żejjed, u iŭittu it-tfixchîl: u billi lsien in-nies ma issibx tarfu, huma b'kalbhom kaŭŭija fit-tâma cont tistħajjilhom tismaħħom ighidulec u itennulec b'ŭiċċhom minn kuddiem: *Ħalli jasal iż-żmien, intom imbghad taraŭ.*

U chienu jaħdmu, jaħdmu u isistu, lcoll ghalanija, bil ħrara, minghajr mistrieħ u nifs ta xejn, biex mita il Cungress icun irnexxa bil ghakal u mil akkal: mil bidu sa't-tmiem, icollhom ghaliex jiftaħru tas-seŭ kuddiem in-nazzjonijet l'oħra, u b'riħet hecc il gieħ imkaddes ta art tŭelidhom dejjem iżjed jircaċċa u joctor b'ghożża cbira.

Iva...? Ma chien hemmx lucandi biż-żejjed? trid tcun fula f'kargha u ċaŭla bajda biex issîb bit-tbatija fejn iddaħħal rasec..? Il lucandi il cbar żdiedu ħafna, u cont issîb chemm trid, b'cullma jitlob il fomm, il ghônja collha li ghandhom il palazzi u id-djâr taħħom ghaġġlu ħasbu irranġaŭhom minnn cmieni bid-demis biex jilkghu fihom il Cbarât li jiġu mis-safar; il Patrijet u is-Sorijet chellhom mhejjin il Cunventi taħħom ghal sħabhom ta barra li chienu bi ħsiebhom jaslu haŭn bil cotra; nies taddar li avvolja ma tantx jistghu jonkfu u ix-xlief taħħom kasir, raŭ chif ghamlu, ġaħġħu u ġanntu ghalbiex icunu jistghu jilkghu ucoll il xi ħadd minn krabathom l'imsiefrin, jeŭ il xi ħabîb midħla taħħom jeŭ inclilè il xi ħadd ieħor li icun irraccmandat ghal ghandhom.

Iva, saħansitra x'uħud mil Maltin chienu icunu ferħana ghal mit elf darba u jixtieku illi jilkghu f'rocna ta darhom bniedem barrani li jigi haŭn ghall Cungress, imkâr la katt huma jorkdu barra it-triek ghal beraħ u is-sirda?

Dan collu iżda ma chienx hemm bżonnu, l'actar imbghad ghax cotra cbira minn daŭc li chellhom jiġu, chienu bil fehma illi jinkdeŭ b'li stess bastimenti li fukhom icunu baħħru, billi jitilghu jeclu u jistrieħu abbord, daks chiecu geŭŭa lucanda xorta ŭaħda.

Il qŭistjoni ta lucandi u mhux lucandi, li sa fl'aħħar mill'aħħar chienet qŭistjoni żghira — *a little housing question* — chif mar isejjħilha l'Avucat Gustu Bartolo fil Gażetta ingliża tieghu li jisimha *Daily Malta Chronicle*,—ma tantx tathom x'jaghmlu; sâbu tarfha mill'eŭŭel, (*jalla l'icbar din!*) u malajr sâr il ftehîm, ghax chien haŭn min ħaseb ghal collox.

Iżda il cliem b'ieħor ta x'uħud minn barra minn Malta, li ma igerrghuniex u ma ghandhomx demm maghna, daks chemm ghaġġbuha, bil fehma illi ikarrku bin-nies u imleŭlhom rashom li haŭnhecc ma haŭnx postijêt biż-żejjed, giebu ħsara cbira, u f'bosta bliet ghamlu id-dammaġġ li chellhom jaghmlu.

Nies ma geŭx biż-żejjed daks chemm chienu jaħsbu.

Il flûs li x'uħud nefku biex icollhom fejn jilkghu il frustieri, ma daħħluhomx, u li spejjes bakghu f'ŭiċċhom. Chien icun tajjeb chiecu ŭieħed jitchixxef ħalli jara jistax jakbad min xerridha u kala minn żniedu dac il ħafna cliem b'ieħor biex telku ħafna nies, filli ħassrulhom u katghulhom kalbhom ma jiġu xejn.

Ghall'eŭŭel, fost daŭc li paċpċu ħafna ghajdût, chien hemm ucoll xi ħadd minnhom cattolicu: dan il flien ħakku min ilumu bl'jebes, ghax din tieghu ma hîx rġulija.

Minnufîħ il Gażetti li iżommu mal Cnisja kâmu fuk taħħom tixŭixa ŭaħda, u ilcoll flimchien marru ureŭ bid-dieher chemm sbalja bl'oħxon, u żelak fin-niexef, u nakas misseŭŭa cullmin bit-tghaŭŭiġ imxattar tieghu ried lill Maltin ipingihom coroħ man-nies ta bnadijêt oħra, u samsar fukhom cullma fettillu u kabillu.

Actarx iŭaħħlu fil Protestanti u il Mażuni li huma il ħtija ta collox: hu x'in hu, jecc mhux ħaġ'oħra, ntilef ħafna cummerċ, u daŭc li bateŭ ħafna spejjes ghal rîħ bla xita, jafu isibu, jecc iridu jghaŭŭru, il marda collha mnejn hi gejja.

Biex il festi tal Cungress jirnexxu gŭappi chemm jistghu icunu, cullħadd ħareġ sehmu, u il flus meħtieġa nġabru f'chemm trodd salîb.

Nhar il Ghid il Cbir, Monsinjur Paċ, fiċ-Circulari li baghtilhom dŭar il Cungress, kallhom hecc: «U intom; ja l'aħŭa gheżież u ulied maħbuba minn tieghi, liema ħeġġa u liema imħabba cbira ta kalbcom ma mortux urejtu, ŭakt li cullħadd ghên ruħu milli satà, u ħareġ il flûs minn butu? Avvolja iż-żmenijêt huma mgharrka, ma dan collu ġbarna ħafna, u nitma li niġbru actar biex incunu nistghu nlaħħku ma bosta spejjes cbar li jindaħlu ghall din iċ-circustanza.»(*)

Inħossu il kalbna titghaxxak u tithenna, u f'li stess ħîn nintleŭ bil ghageb, xħin nokoghdu ngibu kuddiem moħħna illi x'uħud, fokra u ħobżna-ta-cull-jum, kanċ'ċu chemm felħu u laħku saħansitra neħħeŭ minn ħalkhom il biċċa ħobż li chienu jieclu, imbasta jatu mkar it-teftifa żghira tal flûs ghall Cungress, u b'riħet hecc imbghad il kuddiem icunu jistghu ighidu, bl'ghôna hena, bi cbira foħrija, dan il Cungress li bîħ ghandna tas-seŭ biex nitpaxxeŭ u nitcabbru, dan il Cungress hu, iva, ħidma u xoghol ta

(*) Mhux biss: imma bakghu fuk tmin mit lira *(ghoxrin elf fanc)* żejjda!

ID-DIREZZJONI.

idejna; sâr collu chemm hu b'gharakna u sehimna; da'l Cungress ghamilnieħ aħna, bit-taħbit taghna u b'ħilitna.

*(Jissocta)*

*(Maklub bil Malti minn*
DUN GIUŻEPP FARRUGIA,
*(Cappillan ta li Sptar Connaught).*

# Ma dûar il Gżira.

L'Imkaddes Piju Ghaxra ghoġbu jati daŭn l'onuri lil xi uħud mil Cumitat tal Cungress Eŭcaristicu u oħrajn talli ħadmu ucoll ghaliħ; lill Monsinjur Canonicu Cassar, tal Birgu, il grad ta *Prelat Domesticu*—lill'Imħallef Pulicin u lill'Avucat tal Curuna, il *Commenda ta San Ghirgor* lill Commendatur Lanzun, lill Perit Vassall u lis-Suprentendent Curmi,il *Cavalierat ta San Ghirgor* (dan tal aħħar, fil Classi Militari)—lill'Avucat Bartolo u lill Banchier Paċ, il *Cavalierat ta San Silvestru*—lill Corunell Manchè,lill Professur Tagliaferro, lin-Nutar Schembri Żarb u lin-Neguzjant Falzun, is-Salib tad-Deheb *Pro Ecclesia et Pontifice*—u lid-Direttur tal *Ħabib* (li chellu diġà is-Salib *Pro Ecclesia et Pontifice*) is-*Salib tad-deheb* BENEMERENTI. «*Daŭn id-distinti personaġġi.* — kalet Gażetta oħra bil Malti—*nifirħulhom b'kalbna colla indistintament* (jigifieri *minghajr ma naghżlu il ħadd minnhom*) *u niextieħulom ħajja tŭila biex igaŭduhom ghall'onur taħhom infusom u ta Malta colla.*» Grazzi. Ħaġa tpatti bl'oħra

—Dic il mejda *intarsjata* li rajna fil *Ŭirja tal Pitturi* u semmejna fl'aħħar *Ħabib*, xoghol ta li Mghallem Carmelu Micallef, li jaħdem haŭn il Belt, strada Cristoforo, numru 167, u li is-sena l'oħra ghall ħila cbira tieghu chien ħa *Medalja tal fidda* mis-*Società di Arti, Manifatture e Commercio*. Anzi, li mŭejjed chienu tnejn, donhom tal mużajc: biż-żejjed nghidu li ŭaħda minnhom, bl'arma tas-Sultan La Vallette,fiha fuk *ghaxar t'elef biċċa* ta injam u metalli ta 27 xorta. Nifirħulu b'kalbna collha: u f'lôc ma nirriccmandaŭħ, ghax jidhrilna li tcun ħaġa żejjda, nitolbu il karrejja taghna imorru jaraŭ ghandu dac il ġmiel ta xoghol

—Ghedna il gimgha l'oħra li irnexxiet ŭisk l'Accademja ta *San Vicenz de Paoli* (fergha ta Bormla); u jidispjacina ħafna li ma ghandniex ŭisa biex ingibu dac collu li chitbilna fukha ŭieħed ħabib taghna, li chien hemm. Imma irridu nieħdu minnu dan il ftit u naghmluħ taghna bil kalb collha: «Il ġuvni Valenzja (ippresentat lill Pubblicu bi cliem l'actar sabiħ mit-Tabib Inglott) giè bosta drabi applaŭdit ma tul id-Discors tieghu u instemghu ucoll mill'ispettaturi bosta *Bene, bene*. Bi cliem l'actar gholi u esatt is-Sur Valenzia mar juri x'in hi il *Carità*, min hu San Vicenz, x'ghamel; chif ucoll x'in hi is-Società tieghu, chif ŭakfet u x'kieghda taghmel. Dan il ġuvni giè mismuħ bi cbira attenzioni u chif spiċċa gié applaŭdit ħafna.»

—Niżżu-ħajr lil daŭc iż-żeŭġ ti ħbieb tal Isla—Sacerdot mill'actar il-kuddiem fit-taghlim u Secular li ma jaghmillux ghajb—ta dac li chitbulna biex ingibuħ fil *Ħabib* fuk in-nitfa ta *Lettura* li ghamilna, mistiednin mir-Reverendu Canôncu Bonanno, fil *Juventutis Domus* ta hemm: iżda jaħtieġ jippermettulna ma nakduhomx.

—Niżżu-ħajr ucoll lis-*Società Economico-Agraria* tal biljett li baghtitilna biex immorru jeŭ nibaghtu ŭieħed f'lôcna ghall *Ŭirja tal Imnarja* fil Buschett. Din nittamaŭ li nakduha, ghax hu dmir taghna li nersku fejn icun kieghed isir il ġid ghall Poplu.

—Ħaġa sabiħa. Baghtu jirrigalaŭna minn Californja id-*Dett tal meŭt* ta Carmelu Agius, żaghżuħ ta 17 il sena, li miet hemm fit-23 ta mejju; u il Biljett (*Tèssera*) tal mejjet, bħala Imsieħeb fil *Malta Protective Association*, iffirmat mil *Caxxier Joseph Fenech*; biex juruna li dic ix-Xirca bejn il Maltin ta hemm, imżanżna fis-27 t'April li ghadda, diġà bdiet tghin l'Imsieħbin taħha fil ħajja u fil meŭt. Il curjuża, mbaghd, li dan id-*Dett tal meŭt*, mictub bil Latin u iffirmat mil Vici-Parrocu tal Cnisja *Omnium Sanctorum* (*il Kaddisin collha*), igib fid-dahar bl'Ingliż ir-Regulamenti taż-żeŭġ Cimiterij msejjħin *Monti-Calvarju* u is-*Salib Imkaddes*. Fost ħŭejjeġ oħra, ir-Regulamenti ighidu, bil Latin u bl'Ingliż, li min icun fkir niesu ma iħallsu xejn tad-difna. Carmelu Agius chien min-Naxxar: u il meŭt tieghu gibitha gażetta ingliża ta *San Francisco*.

—Dac li chitbulna fuk il lingŭa li messhom isiru biha li Scrizzjonijet ta taħt il Porticu tal Cnisja il ġdida tal Marsa, biex il Poplu icun jaf chemm ghandu obbligazzjoni lejn is-Sur Balbi u is-Sinjura tieghu, aħjar ma ngibuħ xejn, ghax daŭc li ma ghandhomx x'jaghmlu tghid ħaġa u jifhmu oħra!

—Pitghada, fis-7 u nofs ta fil ghaxija, *Lettura* bil lastri fissi fl'*Unjoni Cattolica*, fuk GIOVANNA DARC: jaghmilha il Canôncu tal Grotta Dun P. P. Borġ, D.D.

—Ma setghetx tcun isbaħ il funzjoni tal *Gara Catechistica* u tal *Premijet* fil Cnisja ta *San Ġacbu* u nifirħu b'kalbna collha lid-Direttur ta dan li Stitut, ghajn ta gid cbir ghall Gżira, ir-Reverendu Canôncu Dun Carm Schembri, chif ucoll lill'Assistenti tieghu collha. Il *Gara* marret tajjeb ferm: u l'aħħar tnejn fost il cbar, il ġuvnotti Pollacco u Cuschieri, żammeŭ tant jebes (ghad li il *Mistoksijet* tal Eżaminaturi geŭ mumenti li ma chienux actar tat-tfal u ma nafux x'chienu iŭieġbu ghalihom ħafna mir-rgiel tal pinna li chienu jisimghu) li chellhom fl'aħħar jaksmulhom il *Premju* u jatuhom il *Grad ta Imperatur* bejniethom. Bravi! Bravi! U Bravi!

—L'ittra tal *Osservatur Patrijot*,li gietna mil Canada, u l'articlu tal Cappillan ta ħ'Attard jaħtieġ inħalluhom ghall gimgha id-dieħla.

—Ŭaslilna, fl'aħħar ħin, in-*Numero Unico*, fuk cull-ma sar f'*Santa Sabina*, ta Ghaŭdex, ghall gieħ tal Eŭcaristija: niżżu-ħajr lil min baghtulna u natu il chelma li nitchellmu fuku malli nakraŭħ.

—Is-Sur Ġiorġ Imbroll, li jokghod il Belt, *Strada San Giovanni*, numru 110, jilka *Offerti sigillati*, minghajr ma jirtabat li jokghod ghall'ebda ŭaħda minnhom, ghall chiri tad-dar fi *Strada Ospedale*, numru 7a. Żmien ghall'*Offerti* sas-26 ta dan ix-xahar Id-dar hi tal *Cumpanija tal Erŭieħ*, tal Belt.

—Nhar il gimgha li ghaddiet, fl'*Unjoni Cattolica*, saret partita biljard bejn tnejn mill'actar imsemmijin u chien fiha tas-seŭ x'târa. Rebaħ il marcatur tal biljard tal *Unjoni*, is-Sur Giuseppi Xiberras, li ghalak il *ħames mit pont*, mita l'ieħor, Capural Ingliż tal *Brumfitt, A.S.C.*, chien ŭassal 487. Nifirħulhom it-tnejn, ghax, chif kieghdin taraŭ, chien fihom girja.

—Is-Sur Cachia Żammit, li ilu fuk ħamsin sena jaħdem ghall Poplu fil *Pulitica*, giè maghmul mir-Re *Cavalier ta San Michiel u San Giorġ*; u il ħbieb tieghu, fosthom id-*Direttur tal Ħabib*, taŭħ Pranzu cbir, nhar il ħamis li ghadda, fl'*Osborne Hotel*. Dan il Pranzu kanklu l'Avucat Mercieca u chien President tieghu il Commendatur Lanzun, li ghamel *Discors* famus fuk il ħajja politica tas-Sur Cavalier Cachia Żammit. Tchellmu ucoll—u collha tajjeb ferm—l'Avucat Alfredu Caruana Gatto, l'Avucat Mercieca, l'Arcipriet Mifsud (taż-Żurriek), l'Avucat Bartolo u il Procuratur Legali G. Żammit. Is-Sur Cachia Żammit ŭiegeb b'ħila cbira u tà ħafna pariri sbieħ ghall gid ta Malta u tal Maltin.

# Il Protezjoni ta Maria Santissima.

Mara xŭejħa minn Naut (fi Franza) ticteb dan li sejjrin nghidu fuk l'aħħar sieghat tal ħajja ta binha, li chien actarx ftit imŭarrab mil Cnisja.

«Jen chelli tifel ŭieħed u cont inħobbu ħafna; hu chien iħobbni ucoll. Chien fuk ruħu, u f'li scola ħa dejjem l'eŭŭel premijet.

«Mita chellu sittax il sena, ghamel esami ghall post tajjeb, u giè l'eŭŭel ŭieħed. Jena ma ridttux isiefer, imma in-nies tant kaluli biex ma intellfux xortih li sa fl'aħħar cedejt fuk kalbi.

«Mita ŭaslet is-siegha tas-safar, jena ghannaktu u ghedtlu:—Ibni, inti devot ta Marija Santissima, iftacar li il Madonna ma tinsiex il min jirricorri ghandha. Tŭeghdni li dana taghmlu, Carlu?—Iva, Ma,—ŭiegeb hu ŭakt li chien mghannak mieghi.

«Siefer u ŭasal Marsilja—ghall'eŭŭel hu chien jictibli spiss, u l'ittri tieghu chienu collha mimlija b'imħabba: imbghad, bejn ittra u oħra, bida iż-żmien jitbieghed, sa chemm ma chitibx iżjed.

«Ġurnata ŭaħda, nircievi telegramma: *Ejja malajr, ghax ibnec ghandu bżonnoc.*

«Erbgha u ghoxrin siegha ŭara, ŭasalt Marsilja. Mort id-dar ta Carlu—il purtinar ma riedtx iħallini nitla.—*Jena ommu*, ghedtlu; u bħala miġnuna tlajt it-taraġ tnejn tnejn. Dħalt fil camra ta ibni, alavolja żeŭġ sinjuri li chienu ħdejn is-sodda tieghu ghamlu minn collox biex ma iħallunix nidħol.

«*Povru Carlu! Cariu ibni*—ghajjatt jen. Carlu chien taħt l'ilma, ghannakni u b'leħen ghajjen ħafna kalli: *Ma, tlabt il Madonna, u semghetni—ġibli Sacerdot malajr.*

«Jena iccunsulajtu mill'aħjar li stajt, u hu kalli cull-ma chien ghadda minn ghaliħ. Ghamilha ma ħbieb ħżiena, nies bla fidi u bla ligi. Daħal max-xirca tal mażuni u ħalef maħħom li ghandu ighix minghajr ma jemmen f'Alla. Mita marad u ra li il meŭt rieska. ftacar li hu nisrani. Talab lil ħbiebu (frammażuni) biex igibulu Sacerdot, u daŭn ma riedux.—Żeŭġ ħbieb (frammażuni) kaghdu ma genb is-sodda, kishom żeŭġ sentinelli tad-demonju, biex ma iħallux lil ministru t'Alla jersak ħdejħ, u li stess seftur, jeŭ bil biża inchella ghax imħallas minnhom, ma riedx imur ghall kassis.—Carlu ħass li chien kieghed imut, u dac il ħin ftacar fil ŭeghda li chien ghamel lili, *li isejjaħ il Madonna*; u f'dakka ŭaħda bida ighid b'vuci ghôlja li chienet tistama mil curitur ta fejn chien kieghed, it-talba *Memorare*.—Ŭaħda xebba, li ghaliħ chienet Anġlu tas-Sema, semghetu; u malli ħarġu daŭc iż-żeŭġ sentinelli tad-demonju, daħlet tchellmet mieghu u hi chienet li baghtet it-*telegramma*.

—«Ma,—compla Carlu—daŭc iż-żeŭġ Sinjuri chienu haŭn biex jena niffirma carta, ħalli, ŭara meŭti, jidfnuni chif iridu huma (bla Salib u Kassis.)—Dana ma ridtux, ghax cont sgur li inti cont tmut bil ghali.

«Is-Sacerdot ŭasal fil ŭakt—ibni karr. Ħaka ħaj jumejn.—Fil ghib tat-tieni jum, ibni kalli geŭŭa ŭidinti:—«Ma, chienet Marija Santissima li ŭasslitec haŭn.—U miet.

«Forsi, il Madonna lakghet l'ibni fejn ittrôn taħħa.

«Ommijet, tinseŭ katt u tghejjeŭ katt tŭiddbu l'ŭliedcom biex icunu devoti ta Marija—il Madonna issalvahom sgur.»

DR. GUSTAVU BUSUTTIL.

# MISTOKSIJA.

Sur Direttur,

Ŭara li spiċċa il Cungress Eŭcaristicu u li fuku chitbu il gażetti, il periodici u il cotba ucoll—ŭara li issa, chif nitma, collu intemm il ghaidut—ħallini naghmillec mistoksija, u din nitma u naħseb li tcun l'aħħar ħaġa li tinghad fuk il Cungress.

«Il ghala f'cull Lakgha generali tal Cungress Eŭcaristicu—li sar geŭŭa il cbir Tempju tal Mosta—chien jinghad, cull darba, kabel ma jibdeŭ: *Sancte Paschalis, ora pro nobis*?

Chif tara, Sur Direttur tal *Habib*, jena ħallejt bosta żmien ighaddi, u dana sabiex nara jecc xi ġurnal, jeŭ xi periodicu milli ghandna daż żmien u li iħobbu ighallmu il Poplu chienx ineħħili il curżità hecc innucenti; ma s'issa ghadni ma sibt ebda ħaġa fuk dic l'invocazioni (*sejħa*). Jena ghedt: imma x'jindaħal dan San Bascal mal Cungress Internazzjonali Eŭcaristicu? ! Ġrejt ħafna daŭc il ġranet tal Cungress sabiex nara u nisma collox; biss intkajt ma statŭa ta San Bascal Baylon O.M. fil Cnisja ta Giesu tal Belt, fejn chienu jingemghu il Cungressisti Spanjoli. Saksejt lill xi ħadd; kalli li dic vâra maghmula mill'imsemmi Sur Carm ta ħal Kormi, u tas-seŭ li hi statŭa sabiħa ŭisk. Anzi issa daŭn il ġranet rajt ritratt ta din il vâra f'xi vetrina Strada Rjali. B'dan collu, jena ghadni ma nafx x'jindaħal dan San Bascal mal Cungress Eŭcaristicu.

Lilec, HABIB VERU, li tħobb tghallem lil cullħadd, ghidli: Ghaliex, il Mosta, chienu jinghadu daŭn il chelmiet: *Sancte Paschalis, ora pro nobis*?(*)

Ħabibec, LUCENSIS.

## Ma dûar id-dinja

*Inghilterra*—Il Prince of Wales fl'eŭŭel jum ta Lulju jitlak ghall Germanja, fejn ighaddi sitt ġimghat f'Mecklenburg—Strelitz.

—Ftit ġranet ilu, is-Segretarju ta li Sptar ta Londra sab fuk mejda pacchett b'ismu: ħasbu xi bomba; iżda, mita fetħu, sab £10,000 minghajr l'isem ta min chien baghtu jeŭ ħallieħ u minn tiftixa li saret intgharaf li chien ħallieħ fuk il mejda Sinjur, li chien daħal u ħareġ minghajr ma chellem il ħadd.

—Fuk is-sottumarin *E. 5.* ġrat esplużjoni fil mâgna — ma jafux chif, ghaliex chien ghadu chif iżżanżan.—Miet ŭieħed u hemm ħdax feruti gravement, u fosthom il Cmandant Moore.

—Is-Sinjurina Davison, is-suffragista li chienet kabdet ir-riedni fit-tiġrija u giet terribbilment imcasbra u feruta, mietet f'li Sptar ta Epson. Sħabha intakghu u jintkalu bosta *Discorsi* ta tifħir fukha u ghaddeŭha bħala martri.— Inkraŭ miet ta ittri u telegrammi ta *Suffragisti* oħra imxerrdin mal Inghilterra u Franza—u imbaghat telegramm lir-Re Ġiorġ sabiex jati ŭiden lix-xeŭkat taħħom.

—343 biċċa tal gŭerra sejjrin jieħdu parti fil manuvri f'Sulin. Il cmand taż-żeŭġ flotti icunu taħt l'Armiralli Callaghan u Jellicoe.

*Gŭerra*—L'aħbarijet huma dejjem aħjar.— Il Bulgarja u is-Servja ftehmu li jokoghdu ghal dac li taghmel ir-Russja.— Dana hu effett ta tŭissija li ir-Re Ġiorġ ghamel lid-Delegati mita stedinhom fi pranzu.

*Marocc*—Il Marocchini raġghu kâmu contra li Spanjoli: cheċċeŭhom minn bosta postijet, ħadulhom canuni u munizzjonijet.— Li Spanjoli chellhom maktula ħafna nies, u fosthom bosta fizzjali.

*Russja*—Il cbir general Stossel, li chien iddifenda Port Arthur fil gŭerra mal Ġappun, jinsab fl'actar cbir fakar. Ghandu apoplesija u tbicchem. M'ilux l'Imperatur chien ħafirlu, iżda ħareġ mil calzri bla ħabba, ghax collox nefak sabiex jiddifendi-ruħu.— Ftit ġimghat ilu, mar sabu f'camra fil qŭartier tal fokra, fil Marocc, l'Ajjutant tal camp tieghu li chellu Port Arthur, gietu ħniena minnu u ħâdu jokghod mieghu.

*Tripli*—Ŭara it-telfa li chellha l'Italja f'Derna, kieghda tibghat bosta suldati u munizzjonijet, ghaliex bi ħsiebha tattacca darba ghal dejjem lill Gharab.—Iżda hemm biża li dan icun bidu ta gŭerra aħrax u itŭal mill'eŭŭel ŭaħda li chellha.

*Turchija*—Costantinopoli, fil ŭakt li il Gran Viżir Maħmud Chefket Paxà, chien sejjer il Palazz tas-Sultan, tnejn min-nies, li chienu moħbija, greŭ fuk il carozza bir-rivolvrijet f'idejhom u gibdulu tnax il tir.— Il Gran Viżir giè ferut f'moħħu u bnadijet oħra u miet ŭara ftit. L'Ajjutant tieghu Ibrahim miet ucoll fil colp; is-seftur chien ferut. Ŭieħed mil kattiela li jismu Tipas Teŭfik giè arrestat fil ŭakt li chellu żeŭġ rivolvrijet f'idejħ.— Chefket Paxà chien ilu iccundannat ghall meŭt mil Partit contra tieghu u hu chien jafu minn Enver Bay.

L.M.C.G.

---

(*) San Bascal hu il Protettur tal Cungressi Eŭcaristici: imma chif u ghala ifissru darb'oħra ŭieħed ħabib taghna.

ID-DIREZZJONI.

## Società Economico-Agraria.

Il Ħamsa u ħamsin Esposizioni li issir fil Buschett ghall Festa tal

### IMNARIA.

L'Esposizioni tinfetaħ fit-28 ta Ġunju fissitta ta filghaxija. L'ghada, nhar l'Imnaria, tinfetaħ fis-sitta ta filghodu. Cull min italla xi ħaġa ghall'Esposizioni barra milli jiccoricorri ghas-soliti premijet jieħu biljett ghal l'Otterija bla ħlas ta 6 premijet tad-deheb u tal fidda, li jirtefghu ŭara it-taksim tal premji tal Esposizioni. Dina is-sena jinghataŭ barra mil Premijet speciali il Premijet tassena l'oħra.

*Pattijet Generali.*

1. Il Premji tal Gvern ghal ħmar u ghal ħmara ta Malta jistghu jittieħdu jecc l'annimal icun mictub a nom ta sidu, u dan icun jokghod ġo Malta. Inoltri, l'annimali iridu icunu gholjin mhux inkas minn 44 pulzier u il ħmir iridu icunu tar-refgha u il ħmara trid tcun almenu ghamlet darba jeŭ sejra taghmel iż-żghar.

2. Il ħŭejjeġ li ghandhom jinchitbu jaħtieġ jingiebu il Buschett fis-27 ta Ġunju mit-8 ta filghodu sas-6 ta filghaxija, u fit-28 mis-6 ta fil ghodu sa nofs in-nhar.

3. L'annimali jistghu jingiebu mkar nhar l'Imnaria sal 5 ta filghodu.

4. Tgham mill'inkas trid iggib nofs tomna, Agrumi jeŭ Żrieraħ m'hux ankas minn sieħ. Iżda jecc tcun ħaġa ġdida, tista iggib imkar inkas.

5. It-Tjur iridu icunu ndaf u f'okfsa puliti.

6. Ghal cull ħaġa li tinchiteb, min jinchiteb jatuħ biljett, u ħadd ma icun jista jieħu l'ura dac li igib bla ma juri dan il biljett.

7. L'annimali jaħtieġ jinducraŭhom sjedhom jeŭ nies oħrajn li daŭc is-sjed icollhom piacir bihom.

8. Ħadd ma icun jista jieħu ħŭejġu l'ura kabel ma jinghataŭ il premji, u min jieħodhom jitlef il premju.

9. L'annimali li jinchitbu jaħtieġ icunu miżmumin tajjeb u ndaf.

10. Is-Società tippremja daŭc il ħŭejjeġ biss li jidhrilha li icun jistħokkilhom.

11. Daŭc collha li ma jiġux għall premju x'ħin isejħulhom, jitilfu id-dritt ghaliħ.

12. L'affarijet li jidħlu minn ghand is-Societajet jeŭ minn stabbilimenti publici, (nghidu aħna: il ġnien ta Sant' Anton, tax-Xjuħ jeŭ ta Ŭied Incita) ma icollhomx x'jaksmu ma daŭc li jidħlu minn ghand il bdieŭa ghar-rebħ tal premji, imma icollhom premji ghalihom.

13. Is-Società ghandha dritt tieħu qŭalunque espost illi icun ippremjat fis-sitta u is-seba' sezioni.

14. Din is-sena is-Società il cull min jieħu ictar minn ħames xelini premji tatiħ *Minfaħ* u tnakkas il prezz tal minfaħ mil premju tal flus illi icollu jieħu.

15. Is-Società tista minn f'loc flus tati ghodda tar-raba.

16. L'espondituri iridu icunu il produtturi tal prodotti illi jesponu.

17. Is-Società tista taghmel pattijet oħra barra minn daŭn.

N.B.—Il Premijet tal Concors tad-dullieħ u bittieħ u tal patata jiġu moghtija ucoll f'li stess ġurnata tal Imnaria.

Valletta, 3 ta Ġunju 1913.
A. H. PERALTA,
Segretatju.

## Minn haûn u minn hinn.

I. Ħafna jitbeghdu mn'Alla ghax iżommu mieghu mhux bis-saħħa, imma bid-debbulizza taħħom.

II. Naf Sinjur li ghandu librerja mimlija b'cotba ħżiena, oxxeni, vili, cotba li ghall ħażen taħħom ichessħu il kalb. Dan is-Sinjur ma jafx jirrispetta il martu u iħobb l'uliedu.

III. Il cliem ħażin hu bħal ġlieda bla ponnijet. L'Alla ma laħku ħadd, la bil ponnijet u inkas bil cliem ħażin, bit-talb biss.

IV. F'belt ta Franza il poplu ixxeŭŭex ghax geŭ imcheccjia is-Sorijet tal Carità. L'isbaħ *Discors* chien ta ŭieħed mghallem, fejn kâm u kâl:—Ftit xhur ilu jen kabadni id-deni *tifojdi*. Il mara u żeŭġ ti tfal tieghi ħaduħ minni. Ŭaħda mis-Sorijet daret bîna li Sptar ġmieghi sħaħ. Issa aħna fekna, imma is-Soru ħadet id-deni minn'na u mietet. Dan collu, l'aħŭa.

V. Il gażetti tal colonji ingliżi sejjrin jiġu iccunsidrati fil ħlas tal Posta daks chemm chiecu jiġu stampati l'Inghilterra stess.

A. A.

---

Itolbu ghar-ruħ ghażiża tan-Nobbli
ĠANNI MANDUCA,
li miet il ġimgha l'oħra, ta 25 sena, b'marda ta ftit ġranet.

Ghad li mutu minn tŭielidu, chien jakra tajjeb bit-Taljan u chien imsemmi ghas-sengha cbira tieghu fir-*rcottjar tar-ritratti*. Chien jiftiehem bis-sinjali donnu kieghed jitchellem u miċ-ċaklik ta xuftejc chien jakbad chemm il chelma tghidlu. Fuk collox, imbaghd, chellu mgiba ta Anġlu u educazzjoni li issaħħrec. Alla jatiħ il Ġenna.

ID-DIREZZJONI.

---

Ftit ġranet ilu, mietet, imdaħħla fiż-żmien, geŭŭa li Sptar tal Furjana, TERESA ARMLA SPERANZA. Chienet mara li, thares lejha biss, iggiblec kima; u chienet tista tghid li ghamlet il purgatorju taħħa f'din id-dinja.

Alla icollu ħniena mir-ruħ ghażiża taħħa.

E.

---

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA.—60. Il ħsieb tal meŭt inissel l'indiema: imma id-dinja tgherrixha bil frughat.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### MONOVERB.

*( Sitt ittri )*

a ______
a ______
a ______
a ___L___
a ______
a a a ______

E. GRIMA.

L'aħħar MONOVERB chien:

*Maħżuż.*

Ma giebux tajjeb ħlief ir-Reverendu Dun G. G.—u, biex nghidu is-seŭŭa, chien ftit u xejn tkil.